## 19 ta' Frar, 1955

Imħallef:

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Ciantar *versus* Carmelo Pulis

### Azzjoni "de in rem verso".

*L-azzjoni "de in rem verso" hija esperibbli biss "in subsidium", jiġifieri meta li l-kreditur ma jkunx irnexxielu jitħallas min għand id-debitur tiegħu; tant illi din l-azzjoni mhix esperibbli fl-istess ġudizzju kontra dak id-debitur għall-ħlas tad-dejn minnu dovut.*

*Konsegwentement, il-preżenza tad-debitur fl-azzjoni sussidjarja mhijiex meħtieġa; għax fil-konfront tiegħu d-dejn ikun ġie irrevokabbilment aċċertat. Il-punt, mbagħad, jekk il-versjoni kienetx utili jew le, hija kwistjoni ta' provi; u d-debitur huwa indubbjament l-aħjar xhud biex jistabbilixxi dina ċ-ċirkustanza.*

*Għaldaqstant mhux irritu l-ġudizzju fejn tiġi esperita l-azzjoni "de in rem verso" billi ma jkunx ġie mħarrek anki d-debitur.*

**Il-Qorti;** — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, peress illi l-attur, f'epoka li l-konvenut kien (kif għadu) se-

parat "di fatto' minn martu Speranza Pulis, u ma kienx jgħaddi lil dina rata alimentarja, jew kien jgħaddilha rata insufficjenti, ta, f'diversi okkażjonijiet, lill-istess Speranza Pulis flus biex hija tkun tista' tmantni ruħha, u dan fl-ammont komplessiv ta' £80, kif jidher mill-prospett hawn unit (dok. A); u peress illi b'dan il-mod il-konvenut ġie rrikava vantaġġ, billi dana l-ammont hu fil-fatt dovut minnu u hu kien jaf li l-mara kellha bilfors u kienet fil-fatt qegħdha tissellef biex tlaħħaq għal-manteniment tagħha; talab li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £80 fuq imsemmija għar-raġunijiet premessi; bl-ispejjeż u bl-imgħax legali minn notifika ta' dana l-att;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi l-ġudizzju mhux integru, għaliex fl-azzjoni "de in rem verso" il-versjoni utili għandha tkun pruvata wkoll fil-konfront tad-debitur, li f'dan il-każ hija l-mara ta' l-eċċipjent; għaliex dina l-azzjoni, meta mhix preċeduta minn pratiki kontra d-debitur prinċipali, mhix esperibbli kontra t-terz biss; u fil-meritu, illi t-talba mhix sostenibbli, għax, jekk qatt dana silef xi flus lill-mara tal-konvenut, din ma kienetx fil-bżonn, u lanqas kienu meħtieġa jew destinati għall-manteniment tagħha;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċepita irritwalità tal-ġudizzju;

Illi huwa magħruf li l-"actio de in rem verso" hija esperibbli biss "in subsidium", wara, jiġifieri, li l-kreditur ma jkunx irnexxielu jitħallas mid-debitur tiegħu; tant illi dina l-azzjoni mhix esperibbli fl-istess ġudizzju kontra dak id-debitur għall-ħlas tad-dejn minnu dovut (Kollez. VIII, 863). Minn dana tinżel il-konsegwenza illi l-preżenza tad-debitur fl-azzjoni sussidjarja mhix meħtieġa, għaliex fil-konfront tiegħu d-dejn ikun ġie irrevokabbilment aċċertat (ara każ simili riportat fil-Kollezzjoni XXVIII-I-923). Il-punt, imbagħad, jekk il-versjoni kienetx utili jew le hija kwistjoni ta' provi, u d-debitur huwa indubbjament l-aħjar xhud biex jistabbilixxi dina ċ-ċirkustanza. Del resto, din hija l-prattika ġenerali, kif jidher mill-każ riportat fil-Kollezzjoni, Vol. XXXII-II-25, fejn id-debitur ma ġiex imħarrek;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' l-irritwalità tal-ġudizzju opposta mill-konvenut, bl-ispejjeż; u tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tas-7 ta' Mejju, 1955, biex titkompla skond il-liġi.